**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru 562/2024 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 384/2016)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-hamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) ġewwa 'Surrey, l-Ingilterra', liema żwieġ ġie registrat hawn Malta, hekk kif rifless mill-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala Dok. A:

2. Illi miż-żwieġ tal-kontendenti ma twieldu l-ebda ulied;

3. Illi l-kontendenti nfirdu personalment in forza ta' sentenza datata ghoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

4. Illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament minn Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), u ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli ta rikonċiljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-Partijiet iddekadew mid-dritt tagħhom li jirċievu manteniment mingħand xulxin u għaldaqstant l-ebda manteniment m'hu dovut bejniethom;

6. Illi l-esponenti tixtieq tirriverti lura ghal kunjom tagħha qabel iż-żwieġ, u cioè dak ta' E:

7. Illi għaldaqstant, ir-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jinstabu ampjament sodisfatti;

8. Illi l-esponenti tikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tagħha permezz tal-Affidavit immarkat bhala Dok. Ċ.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-hall taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet,

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex, fi żmien minnha stabbilit, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

3. Tordna illi l-esponenti tista' tirreverti lura ghal kunjom tagħha qabel iż-żwieġ, u ċioè E, u kif ukoll li jsiru l-annotazzjonijiet appożiti fir-Reġistru Pubbliku sabiex dan il-bdil fil-kunjom jiġi rifless fl-atti pubblici relattivi.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti joghġobha timponi skont iċ-ċirkostanzi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta’ Dicembru 2024;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ppreżentax risposta u ma deherx għal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Gunju 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "E". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "E", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.